RABAT

### *KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa F48**
**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**L-Erbgħa 12 ta'Settembru 2012 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Manicaro | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**Sospensjoni tal-laqgħa**

Is-Sindku Sandro Craus talab is-sospensjoni tal-laqgha sabiex jigi diskuss *item* 6 fuq l-agenda. Huwa talab lill-*accountant* is-Sur Paul Bugeja sabiex jaghti spjega tal-*Quarterly Financial Report* (April – Gunju).

Wara dan, il-kamra irritornat lura ghas-seduta u tkompliet l-agenda b'*item* 6

**6.00 *Quarterly Financial Statements* (April – Gunju)**

6.01 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-*Quarterly Financial Report* jigi approvat hekk kif ipprezentat. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Kopja ta' dawn il-*Quarterly Financial Statements* tinsab annessa ma' dawn il-minuti. *Quarterly Financial Statements* (April-Gunju)



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

| | | |
|---|---|---|
| **1.00** | **Qari u approvazzjoni tal-Minuti F47** | |
| 1.01 | Is-Sindku Alexander Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F48 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Paul Grech. Il-minuti gew approvati. | Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha F47 |
| **2.00** | **Korrezzjonijiet F47** | |
| 2.01 | Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. | Korrezzjonijiet F47 |
| **3.00** | **Punti li johorgu mill-Minuti F47** | |
| 3.01 | 3.02 Is-Sindku informa l-laqgha li fil-gimghat li ghaddew saret l-ewwel laqgha dwar il-progett mal-Pulizija tad-distrett kif ukoll bdiet issir ir-resenja tal-bejjiegha tal-monti. Resenja li ser issir ghal sitt gimgha konsekuttivi. | Progett ta' Triq Santa Rita u Triq San Katald |
| ** | Il-Kunsillier Antoine Borg dahal ghal-laqgha fis-7.35p.m | |
| 3.02 | 3.03 Is-Sindku qal li f'Jum ir-Rabat morna tajjeb hafna u li kienet attivita sabiha. Hu kompla billi rringrazzja lil ammistrazzjoni tal-Kunsill ghal l-impenn taghhom biex ittelghet din l-attivita. | Gieh Ir-Rabat |
| 3.03 | 4.01 Is-Sindku informa l-laqgha li meta gie diskuss dan is-suggett mas-Segretarju Privat fl-ufficcju tal-Prim Ministru, is-Sur Charles Bonello u mad-Direttur ghall-Gvern Lokali, s-Sur Carmelo Abela waqt laqgha li saret nhar il-Gimgha 7 ta' Settembru (laqgha li saret biex jigu diskussi l-hsaret estensivi li garbet il-lokalita' wara l-maltempata) l-Kunsill inghata parir li jaghmel it-talba tieghu lill-Ministru Dolores Cristina. Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Ministru Cristina. | Post altemattiv ghal ufficcju amministrativ |
| 3.04 | 4.04 Is-Sindku informa l-laqgha li l-perit tal-kunsill – Is-Sur Daniel Micallef kien beda jahdem fuq l-pjanti hekk kif mitluba mill-Kunsill. | *Embellishment* tal-Monument ta' San Guzepp |
| 3.05 | 4.05 Is-Sindku ppropona li tintbghat ittra lis-Sindku tal-Imdina halli jinbdew id-diskussjonijiet bejn iz-zewg kunsilli dwar post alternattiv ghal parkegg. Il-Kunsill qabel unanimament. | Diskussjonijet dwar post alternattiv ghal parkegg |
| **4.00** | **Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza** | |
| ** | Il-Kunsillier Robert Micallef dahal ghal-laqgha fis-7.50p.m | |
| 4.01 | Is-Sindku informa l-laqgha li numru ta' residenti li jghixu fiz-zona ta' madwar Ta' Giezu kienu pprezentaw lil Kunsill rapport bi proposti dwar kif jistghu jitjiebu il-facilitajiet ta' parkegg u l-*flow* tat-traffiku fiz-zona ta' madwar Ta' Giezu'. Huwa ppropona li l-Kunsill jaghmel laqgha ma' dawn ir-residenti sabiex dan ir-rapport ikun jista jigi diskuss aktar fid-dettal. Is-Sindku talab lil kunsilliera prezenti sabiex jilhqu jaraw dan ir-rapport qabel tissejjah din il-laqgha.<br><br>Is-Sindku Alexander Craus qal li fost il-punti imqajma f'dan ir-rapport insibu l- | Rapport u proposti imhejji mir-residenti taz-zona ta' Giezu dwar kif jistghu jitjiebu il-facilitajiet ta' parkegg u l-*flow* tat-traffiku fiz-zona ta' madwar Ta' Giezu |

impatt li jkun hemm fuq ir-residenti jekk Misrah Anton Aguis (l-Ghalqa ta' Kola) tigi privatizzata. Wara diskussjoni li saret bejn il-kunsilliera, l-Kunsill qabel unanimament kontra l-Privatizazzjoni tal-Parkegg ta' Misrah Anton Aguis (l-Ghalqa ta' Kola) Sar qbil ukoll li f'kaz li l-ghidut li parkeggi jigu privatizzati, jigi ghal konkret il-Kunsill jaghmel petizzjoni mar-Rabat. L-Kunsill qabel unanimament li jitlob ghad-devoluzzjoni ta' Misrah Anton Aguis (l-Ghalqa ta' Kola).

Talba ghad-devoluzzjoni ta' Misrah Anton Aguis (l-Ghalqa ta' Kola).

** Il-Kunsillier Odette Manicaro talbet li tigi skuzata fis-8.30 p.m.

4.02 Is-Sindku Alexander Craus informa l-laqgha li l-Kunsill kien ircieva l-permess mehtieg minghand Transport Malta sabiex issir it-tibdil fis-sistema tat-traffiku fi Triq St. Antnin. Hu kompla billi qal li Tm tat l-permess ghal dan it-tibdil bi prova ghal tlett xhur.

Tibdil fis-sistema ta' traffiku fi Triq St. Antnin.

Il-Kunsill qabel li dwar dan it-tibdil ghandu ssir avvizz fuq ir-Rabta, kif ukoll avizz fil-knejjes sabiex ir-residenti ikunu nfurmati.

4.03 Is-Sindku nforma l-laqgha li nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru kienet ser tinfetah l-kwotazzjoni tal-Archaeotur - kompetizzjoni tal-arti. Hu kompla billi qal li l-kunsill irrid jahtar zewg persuni li flimkien ma' Heritage Malta ser ikun qeghdin jiggudikaw din il-kwotazzjoni. Il-Kunsill iddecieda li l-Bord tal-Aggudikazzjoni ikun iffurmat kif gej:

Bord tal-Aggudikazzjoni kwotazzjoni Archaeotour-kompetizzjoni arti.

Ic-Cerpersin: Is-Sna Doris Coleiro (Kunsill Lokali Ir-Rabat)
Is-Segretarju: Is-Sur Glen Farrugia (Heritage Malta)
Evalwatur 1: Is-Sna. Suzannah Depasquale (Heritage Malta)
Evalwatur 2: Is-Sna. Orietta Masini Cardona (Kunsill Lokali Ir-Rabat)
Evalwatur 3: Is-Sur Mario Casha (Heritage Malta)

4.04 Is-Sindku nforma il-laqgha li l-kunsill ircieva korrispondenza min TCTC fejn qed joffru korsijiet tal-kompjuter ghal kommunitajiet. Wara diskuzzjoni dwar dan il-kunsill qabel li bhal kull sena joffri dawn il-korsijiet fil-lokalita', bil-kundizzjonijiet imnizla fid-dokument 50/1413/12.

Korsijiet tal-kompjuter

4.05 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-kunsill kien ircieva talba minghand l-organizzaturi tal-Festa ta' Santa Katarina V.M biex il-kunsill jipprovdi *mobile toilets* tul l-jiem tal-festa'. Isseconda din il-proposta l-Kunsillier Antoine Borg.

Talba ghal *Mobile Toilets.*

4.06 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-*barriers* tal-konkos li kienu nxtraw mill-kunsill, dawn qed jinzammu ghand *JKA Constructors Ltd* minhabba li l-kunsill m'ghandux post fejn jista jzomm dawn il-*barriers.*

*Barriers* tal-Kunsill

4.07 Is-Sindku nforma l-laqgha li wara talb li saret mis-Segretarju Ezekuttiv, nhar il-Gimgha 7 ta' Settembru saret laqgha b'urgenza mas-Segretarju Privat fl-ufficju tal-Prim Ministru is-Sur Charles Bonello u mad-Direttur ghall-Gvern Lokali s-Sur Carmelo Abela dwar diversi hsarat estensivi li garbet l-lokalita' tar-Rabat wara l-maltempata li sehhet fil-jiem li ghaddew. Huwa kompla billi qal li lokalita' taghna garbet hsarat estensivi kemm fit-toroq urbani u kif ukoll rurali, b'diversi hsarat fil-hitan tas-sejjiegh, toroq u trejqat mimlija hamrija u terrapin li ngabar mal-ilmijiet, sigar mwaqqa, u hsarat ohra li ghadna qeghdin niltaqghu maghhom. Is-Sindku qal li l-ghan ghal din il-laqgha kien li l-Kunsill jitlob l-ghajnuna tal-gvern central sabiex din is-sitwazzjoni t'urgenza tissolva ruha mil-aktar fis possibli.

Hsarat estensivi wara l-maltempata tat-3 ta' Settembru

4.08 Is-Sindku pprezenta l-programm tal-Harga Kulturali li hejjiet l-Kunsillier Odette Manicaro. Is-Segretarju Ezekuttiv tat spjegazzjoni aktar fid-dettal tal-programm

Harga Kulturali

fl-assenza tal-Kunsillier Odette Manicaro. Wara dan il-Kunsill qabel li din il-harga issir f'Novembru.

4.09 Is-Sindku pprezenta t-*tender* RLC/T/116/12 – *Period Contract for Road Resurfacing*. Huwa spjega li it-*tender* infetah illum l-Erbgha 12 ta' Settembru bi procedura normali, u peress li dan t-*tender* huwa l-uniku wiehed mitfuh ghas-sejha li kien hemm, huwa qed jipproponi li t-*tender* jigi diskuss u decizz waqt din il-laqgha tal-kunsill. Il-Kunsill ivverifikka li *t-tender* jissodisfa l-kriterji kollha mehtiega pero kien hemm qbil unanimament li qabel tigi approvata l-offerta tac-*Central Asphalt*, il-Kunsill jitlob lil perit tal-Kunsill – is-Sur Daniel Micallef sabiex ihejji rapport ta' aggudikazzjoni.

Ghazla tat-*Tender* ghal *Period Contract for Road Resurfacing* - RLC/T/116/12

**5.00 Komunikazzjoni mil-Kunsilliera**

5.01 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi talb li tinxtara *money dedector* ghar-*reception desk*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel.

Xiri ta' *Money Dedector*

**7.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` A23**

Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu A23 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Antoine Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Virtu A23

**8.00 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet**

8.01 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 212 tigi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech.

L-iskeda tal-hlasijiet numru 212

**9.00 Aggornament**

9.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Hamis 11 ta' Ottubru 2012 fis-7.00 p.m.

Aggornament

9.02 Il-laqgha ntemmet fil-9.20 p.m

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Ezekuttiv**